QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri
B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.

Appell Numru 9074/2024/1

Il-Pulizija

vs.

Nicholas Bonello

Illum 25 ta' Marzu 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Nicholas Bonello**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 25685(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fil-11 ta' Frar 2024 għall-ħabta ta' 13.24hrs fi Triq l-Mdina, Qormi:

1. saq vettura tal-għamla Mercedes bin-numru 1212 mingħajr ma kellu liċenzja tas-sewqan;

2. saq l-imsemmija vettura tal-għamla Mercedes bin-numru 1212 mingħajr ma kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji tat-terzi persuni.

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imputat jiġi skwalifikat milli jżomm jew ikollu ebda liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta' żmien li l-Qorti jidhrilha xieraq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-24 ta' Jannar 2025, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 15(1)(a) u 15(3) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikoli 3(1), 3(2)(a) u 3(2A) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha addebitati fil-konfront tiegħu u kkundannatu multa komplessiva ta' elfejn u ħames mitt Euro (€2500). Il-Qorti skwalifikat lill-imputat milli jkollu jew jottjeni liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta' tnax (12)-il xahar li kellhom jibdew jgħaddu minn nofs il-lejl u minuta tal-għada filgħodu.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fil-11 ta' Frar 2025 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"tirrevoka s-sentenza appellata, billi tħassarha u tirrevokaha u kwindi minnha tillibera lill-appellant skont il-liġi minn kull imputazzjoni, ħtija u piena."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-Risposta tal-Avukat Ġenerali għar-Rikors tal-appell tal-appellant, liema Risposta ġiet ippreżentata fis-6 ta' Marzu 2025.

Semgħet, fis-seduta tal-11 ta' Marzu 2025, lill-avukat mill-uffiċju tal-Avukat Ġenerali jiddikjara li ma kellu xejn aktar xi jżid mar-Risposta msemmija fil-paragrafu preċedenti.

Ikkunsidrat

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fl-24 ta' Jannar 2025.

Illi f'dan il-każ l-appellant allura imputat ġie akkużat quddiem l-Ewwel Qorti li kien qed isuq vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni 1212 mingħajr ma kellu liċenzja tas-sewqan u li kien qed isuq l-imsemmija vettura mingħajr ma kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni.

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta li filwaqt li l-appellant allura imputat għażel li ma jixhidx quddiem l-Ewwel Qorti u anqas ressaq provi, jirriżulta wkoll li l-Prosekuzzjoni ressqet, fost l-oħrajn, is-segwenti:

- Affidavit ta' PS 1258 Carmel Debattista (Dok. "A" – *a fol.* 4) fejn jingħad li waqt li dakinhar tal-11 ta' Frar 2024 kien qed isir *road check* fi Triq l-Mdina, Ħal-Qormi għall-ħabta ta' 13:24hrs, ġiet imwaqqfa vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni 1212 fejn meta x-xufier ossia l-appellant allura imputat ġie mitlub juri l-liċenzja rriżulta li din kienet skaduta. Fl-istess affidavit jingħad li sar kuntatt mal-*control room* tal-Pulizija minn fejn irriżulta li l-appellant kellu liċenzja tas-sewqan revokata.

- Affidavit ta' Kenneth Pace (Dok. "B" – *a fol.* 6 *et seq.*), impjegat fid-Direttorat għat-Trasport fuq l-Art fi ħdan l-Awtorita' għat-Trasport f'Malta fejn jingħad li minn riċerka li saret fir-*records* tal-Awtorita' irriżulta li fil-11 ta' Ġunju 2024 l-appellant allura imputat ma kienx f'pussess ta' liċenzja tas-sewqan Maltija. Fl-istess affidavit ingħad ukoll li l-appellant kellu żewġ revoki: waħda fl-1 ta' Lulju 2021 u oħra fit-22 ta' Novembru 2023 u li kellu jerġa' joqgħod għal eżamijiet meħtieġa biex jerġa' jakkwista l-liċenzja tas-sewqan proviżorja b'dan illi huwa ġab din il-liċenzja proviżorja tas-sewqan fid-19 ta' Settembru 2024.

- Okkorrenza mħejji minn PS 1258 Carmel Debattista (Dok. "Ċ" – *a fol.* 9 *et seq.*) fejn fih jingħad, fost l-oħrajn, dak li ngħad fl-affidavit ta' PS 1258 Carmel Debattista msemmi aktar 'il fuq f'din is-sentenza.

Illi qabel il-Qorti tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar dak imressaq mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu hija tinnota li huwa ben magħruf li hija ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm din tkun waslet għall-konklużjoni tagħha legalment u raġonevolment. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-30 ta' Ottubru 2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Manuel Xuereb** (Numru 10/2023) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi tal-provi primarjament f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax, normalment, tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Hija tkun setgħet tara u tisma' lix-xhieda jixhdu quddiemha – ħaġa li din il-Qorti ma kellhiex l-opportunita' li tagħmel. U għalhekk huwa għaqli li l-Liġi tħalli prinċipalment dan l-eżerċizzju ta' analiżi u apprezzament tax-xhieda f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati; liema eżerċizzju huwa importanti ħafna u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu, in kwantu ma jistax jiġi disturbat kif ġieb u laħaq.
>
> Anke fejn il-Qorti tal-Maġistrati, għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx semgħet ix-xhieda kollha hi stess, xorta waħda l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi u deċiżjoni dwar il-fatti f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti tal-Appell xorta tibqa' Qorti tat-tieni grad, biex, fil-każijiet appellati tara jekk u safejn il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet milħuqa minnha in bażi għal dawk il-provi u l-argumenti legali miġjuba quddiemha."

Illi l-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar dak imressaq mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu.

Ikkunsidrat

Illi fl-aggravju mressaq fir-Rikors tal-appell tiegħu, l-appellant jisħaq li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi peress li skond huwa hija straħet fuq l-affidavit ta' Kenneth Pace. Isostni li dan l-affidavit ma seta' qatt iwassal għal grad ta' prova rikjest sabiex tinstab ħtija fih. Jisħaq li fi proċeduri penali huwa ma għandu għalfejn jipprova xejn waqt li l-Prosekuzzjoni trid tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Jargumenta li PS 1258 Carmel Debattista straħ fuq dak li ngħad lilu mill-*control room* li da parti tagħhom joqgħodu fuq it-tagħrif ta' Transport Malta. L-appellant jagħmel riferenza għas-sentenza appellata u jikkwota dik il-parti tagħha fejn l-Ewwel Qorti qalet li (*a fol.* 25): *"minn qari akkurat tal-affidavit ta' Kenneth Pace, jirriżulta bl-aktar mod ċar li l-istess xhud għamel riċerka huwa personali fir-rekords tal-Awtorita' għat-Trasport. Għalhekk l-informazzjoni li huwa jsemmi fl-affidavit tiegħu hija informazzjoni li ġiet verifikata minnu stess personalment mis-sistema miżmuma mill-istess Awtorita'."* Jargumenta li filwaqt li l-imputazzjonijiet jagħmlu riferenza għad-data tal-11 ta' Frar 2024, fl-affidavit tiegħu Kenneth Pace jgħid li fil-11 ta' Ġunju 2024 hu (l-appellant) ma kienx f'pussess ta' liċenzja tas-sewqan. Jisħaq li Pace fl-ebda ħin ma qal kemm kienu twal iż-żewġ skwalifiki li jsemmi fl-affidavit tiegħu. Jirreferi għal fatt li l-Ewwel Qorti qieset li t-tieni (2) imputazzjoni addebitata fil-konfront tiegħu kienet tirriżulta awtomatikament ġialadarba rriżultalha li huwa ma kellux liċenzja tas-sewqan valida. Għaldaqstant l-appellant jgħid li l-Ewwel Qorti sabet ħtija fih a bażi tal-affidavit ta' Kenneth Pace mingħajr ma qieset li l-affidavit kien qed jirreferi għal data oħra. Jgħid li l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni u li l-Ewwel Qorti kellha tilliberah fuq nuqqas ta' provi. Jisħaq li l-Prosekuzzjoni naqset milli toħloq dik iċ-ċertezza morali li hu tassew saq il-vettura in kwistjoni fiċ-ċitazzjoni fid-data, ħin u lok mingħajr ma kellu liċenzja tas-sewqan.

Illi għal kull buon fini jingħad li fir-Risposta tiegħu għar-Rikors tal-appell tal-appellant, l-Avukat Ġenerali rrimetta ruħu għas-savju ġudizzju ta' din il-Qorti.

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti tinnota li fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti għamlet analiżi tajba ħafna tal-provi li ġew prodotti quddiemha u li *del resto* ġew elenkati wkoll hawn fuq f'din is-sentenza. Din il-Qorti tinnota wkoll li jirriżulta li l-Ewwel Qorti tat piż sostanzjali lil affidavit ta' Kenneth Pace u dana sabiex hija għaddiet sabiex issib ħtija fl-appellant allura imputat fir-rigward tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tiegħu.

Illi bħall-Ewwel Qorti, din il-Qorti taqbel li minkejja li d-dokumenti annessi mal-affidavit ta' Kenneth Pace mhumiex iffirmati minnu, però ġialadarba dawn huma annessi mal-affidavit jfisser li huma kienu qegħdin jiġu kkonfermati minnu bil-ġurament u li huma kienu qegħdin jirriferu għal persuna tal-appellant u dana minkejja li fuqhom ma hemmx imniżżel ismu jew id-dettalji tiegħu. Pero' dak li jirriżulta lil din il-Qorti huwa li fl-affidavit tiegħu, Kenneth Pace jgħid li minn riċerka li għamel irriżulta li dakinhar tal-"11 ta' Gunju 2024" l-appellant allura imputat ma kellux liċenzja tas-sewqan u dana qiegħed jingħad peress li l-imputazzjonijiet jagħmlu riferenza għad-data tal-"11 ta' Frar 2024" u mhux għal 11 ta' Ġunju 2024. Filwaqt li huwa minnu li fl-aħħar tal-affidavit ta' Kenneth Pace jingħad li l-appellant allura imputat ġab il-liċenzja tas-sewqan fid-19 ta' Settembru 2024 u minkejja wkoll li f'wieħed mid-dokumenti annessi mal-affidavit hemm indikat, fost l-oħrajn, "revocation of licence", "valid from 22/11/2023", "valid to 13/04/2024", pero' fl-istess waqt ma jridx jintnesa, kif diġà ngħad, li fil-bidu tal-affidavit tiegħu Pace jirreferi għad-data tal-11 ta' Ġunju 2024. Għal kull buon fini jingħad ukoll li fl-affidavit *per se* ta' Kenneth Pace ma jingħadx kemm kien twil it-terminu ta' żmien taż-żewġ revoki ta' liċenzja li huwa jirreferi għalihom fl-istess affidavit.

Illi filwaqt li s-sentenza appellata hija dettaljata ferm dwar numru ta' dettalji li din il-Qorti taqbel magħhom, pero' fl-istess waqt din il-Qorti ma tistax ma tinnutax li fl-istess sentenza ma jingħad <u>xejn</u>

dwar il-fatt l-affidavit ta' Kenneth Pace jagħmel riferenza speċifika għad-data tal-11 ta' Ġunju 2024 meta l-imputazzjonijiet jagħmlu riferenza għad-data tal-11 ta' Frar 2024.

Illi tenut kont tal-fatt li l-Ewwel Qorti straħet ferm fuq l-affidavit ta' Kenneth Pace u tenut kont ta' dak imsemmi hawn fuq, din il-Qorti jirriżultalha li mill-atti proċesswali ma jirriżultax x'kien eżatt l-istat tal-liċenzja tas-sewqan tal-appellant dakinhar tal-11 ta' Frar 2024.

Illi l-Qorti tagħmel tagħha dak li ngħad fis-sentenza mogħtija fil-15 ta' Jannar 2016 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Formosa et** (Numru 179/2015) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "13. Mill-premess, għalhekk, ma tirriżultax dik il-katina ta' ċirkostanzi univoċi li jista' jingħad li iżolatament jew komplessivament jorbtu lil xi ħadd mill-imputati inevitabilment u inekwivokabilment max-xena tad-delitt jew xort'oħra mal-kummissjoni tiegħu. Il-fatt li r-relazzonijiet bejn Booth u l-imputati setgħu ma kienux tajbin u li Booth kienet oġġezzjonat mal-awtoritajiet li jiġi sanzjonat xi bini fil-proprjeta' tal-imputat ma joħolqux dik il-konkatenazzjoni meħtieġa sabiex inekwivokabilment jorbtu lill-imputati mal-kommissjoni tar-reat u ma humiex suffiċjenti sabiex jikkolmaw il-vojt fil-provi tal-prosekuzzjoni sabiex jiġġeneraw il-grad tal-prova oltre d-dubbju raġonevoli. In kwantu għall-evażivita' tal-imputat meta mistoqsi dwar il-proċeduri quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar u aspetti oħra tax-xiehda dawn jistgħu iwasslu sabiex l-imputat ma jingħatax affidament f'dawk l-aspetti tad-depożizzjoni tiegħu, u sabiex dawn jiġu skartati, iżda l-vojt fil-provi li jinħoloq b'dan il-mod ma jistax jagħmel tajjeb għan-nuqqas ta' provi da parti tal-prosekuzzjoni tal-ħtija tal-imputati fil-grad għoli rikjest mil-liġi.

> 14. Din il-Qorti ħasbet fit-tul dwar iċ-ċirkostanzi kollha ta' dan il-każ kif jemerġu mill-provi inklużi dawk li fuqhom straħet l-Ewwel Qorti u din il-Qorti waslet għall-konklużjoni li fuq dawk iċ-ċirkostanzi l-Ewwel Qorti ma setgħetx raġionevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha u ċioè li l-imputati appellanti huma ħatja mingħajr dubbju dettat mir-raġuni tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħhom. L-aktar 'il bogħod li wieħed jista' jasal fuq l-iskorta tal-provi prodotti huwa li dawn jiġġeneraw suspett raġonevoli li l-imputati ikkommettew l-għemil imputat lilhom mill-prosekuzzjoni, iżda prova sa dan il-grad ma hix biżżejjed sabiex jintlaħaq il-grad għoli ta' prova meħtieġ għas-sejbien ta' ħtija fil-qasam tad-dritt penali." [emfażi miżjuda]

Illi, tenut kont ta' dak kollu li ngħad hawn fuq, din il-Qorti hija tal-fehma l-Ewwel Qorti ma setgħetx raġonevolment tasal għal konklużjoni li waslet għaliha. B'hekk din il-Qorti jirriżultalha li l-Ewwel Qorti ma kinitx korretta meta sabet ħtija fl-appellant allura imputat fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni u stante li hija sabet ħtija fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni minħabba li kienet sabet ħtija fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni jsegwi li ġialadarba hija ma kinitx korretta meta sabet ħtija fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni b'hekk anqas kellha ssib ħtija fit-tieni (2) imputazzjoni. Għaldaqstant, l-aggravju tal-appellant qed jiġi milqugħ.

Decide

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell imressaq mill-appellant Nicholas Bonello, tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tiddikjara lill-appellant mhux ħati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu u b'hekk tilliberah minnhom u minn kull ħtija u piena fir-rigward tagħhom.

Onor. Dr. Neville Camilleri	**Alexia Attard**
Imħallef	**Deputat Reġistratur**